MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Numru 971/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL M. CAMILLERI**

**VS**

**ALFRED ATTARD.**

**Illum 24 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Attard ta’ 54 sena, iben Paul u Rozaria nee’ Camoin imwieled Valletta, fis-6 ta’ Dicembru 1947, joqghod f’Wendeb, No. 8, Mile-End Avenue, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 1062147 M;

Talli fid-9 ta’ Awissu, 2002, fil-Marsa, bhala Ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu sew jekk ma’ kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala satarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, illi that il-libsa tal-kariga tieghu eziga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.

Ukoll talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor li ghalihom ma ghandux jedd.

Wara illi rat l-Artikoli 112 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza giet instigata fuq rapport tal-familja McKay (Rachel u Carol) huma u dehlin lura Malta minn Catania, li debitament mharrkin u msejjhin tlett darbiet, ghogobhom ma’ jidhrux.

Illi jirrizulta illi Anthony McKay li kien qieghed jistennihom barra dahal abbuzivament fl-‘area’ tad-Dwana wara illi dan inghata permess mill-Ufficjal/I tal-Group 4 Security u hemmhekk kellhu litigju ma’ l-imputat Alfred Attard li dak

il-hin kien qieghed jaghmel xogholu u li wara illi ccekkja il-bagalji ta' Carol u Rachel McKay, talabhom ihallsu hamsin lira maltin (Lm50) f'dazju.

Illi dan sar kollu fil-prezenza tas-superjur ta' l-imputat jigifieri s-Sur Piccinino u qatt ma rrizulta illi dawn il-flus intallbu "in proprio conto".

Illi dan il-fatt huwa wkoll rilevat mill-Prosekuzzjoni li bil-gurament taghha ikkonfermat li lilha qatt ma rrizultalha li l-imputat agixxa "in proprio nome".

Illi sahansitra kienet giet ippreparata ricevuta fis-somma ta' hamsin lira sabiex din tigi mghoddija lill-familja McKay wara li din tkun hallset l-ammont dovut.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti kif tenut taghmel a tenur ta' l-Artikolu 401(2) u Artikolu 403 tal-Kapitolu 9, tiddikjara il-proceduri ezawriti stante li dawn prima facie, ma jirrizultawx, u jirrizulta biss li l-imputat kien qieghed jaghmel xogholu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------